# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## 2 ta' Mejju  Sant' Anastasju



Twieled gewwa Alessandria fl-Egittu bejn is-snin 295 - 297; miet f' Mejju tas-sena 373. Huwa wiehed mid-Dutturi tal-Knisja.

"Huwa sar wiehed minna sabiex ikun jista jaghmilna dak li hu" - San Atanasju.

Xejn ma hu maghruf fuq il-familja tieghu hlief li kienu nsara u kellu huh jismu Pietru. Hadha kontra l-Arjanizmu fil-Koncilju ta' Nicea. Il-qaddis ircieva edukazzjoni nisranija soda fl-iskola ta' Alessandria u l-istudju tal-Bibbja kienet ghal qalbu hafna. Sa minn zoghzitu huwa kien midhla ta' l-ereemiti tad-dezert u dan kellu jkun providenzjali fl-ezilji li garrab ghaliex hafna minnhom ipprotegewh. Huwa ghex meta l-knisja kienet iffacjata bl-erezija ta' Arjanu. Dan kien sacerdot popolari hafna u d-duttrina tieghu kontra d-divinta' ta' Kristu kellu impatt kbir fuq it-twemmin ta' l-insara ta' dak iz-zmien. Kien jghallem li Kristu ma kienx etern, li Gesu' kien mahluq minn Alla matul iz-zmien u ghalhekk qatt ma seta' jkun meqjus indaqs mal-Missier.

Wara li ddiskutew it-taghlim ta' Arju l-ewwel limkien mal-kleru ta' Alessandria imbaghad f'sinodu ta' l-isqfijiet fl-Egittu, it-tqaghlim tieghu gie ikkundanat mill-isqof Alessandru. Izda Arju flimkien ma xi mexxejja ohra baqa' jmexxi t-taghlim tieghu zbaljat. Tant mexa t-taghlim eretiku ta' dan Arju li ssejjah Koncilju gewwa Nicea fis-sena 325 presedut mill-Imperatur Kostantinu. Dak iz-zmien li l-Arjanizmu beda jrabbi gheruqu, Atanasju kien ghadu djaknu, segretarju ta' l-Isqof Alessandru. Kien ghadu kemm kiteb xoghol fuq ir-redenzjoni ta' Kristu. Huwa akkumpunpanja lil isqof u ha sehem fil-koncilju. Bl-argumenti qawwija tieghu hawwad lil eretici. Il-konkluzjoni tal-koncilju kienet l-iskomunika ta' Arju. Hemm, gewwa Nicea gie ifformulat l-Kredu tal-Fidi Nisranija li ghadu parti integrali mill-Liturgija tal-Knisja Kattolika.

Mal-mewt ta' l-Isqof Alessandru, Atanasju gie ikkonsgrat isqof hu u bed ail-vizta pastorali tieghu fid-djocsei tieghu minnufih. Huwa kien ta' ghajnuna kbira ghall-eremiti li kienu jghixu fid-dezert. Kien ukoll appuntat isqof ta' l-Etiopja

Fil-qqorti ta' l-imperatur Kostantinu kien hemm hafna arjani u dawn uzaw l-influenza taghhom ma' l-imperatur biex Atanasju jaccetta lil Arju fi hdan il-knisja. Imma Atanasju irrifjuta li jaghmel dan ghaliex qal li l-knisja ma tistax thaddan fiha eretici. Minhabba dan l-ghedewwa ta' Atanasju hadmu kemm felhu kontra tieghu, sahansitra wasal biex jigi eziljat.

Imma s-successur ta' Kostantinu fis-sena 338 rega sejjah mill-gdid lil Atanasju biex jiehu postu fid-djocesi tieghu fost il-ferh u l-applaws tal-fidili. Ghal darb'ohra l-ghedewwa tieghu ma qatghux qalbhom. Bil-hafna gideb taghhom u qlajjiet, irnexxilhom ghat-tieni darba jgaghlu lill-Koncilju ta' Antiokja jikkundannah ghat-tieni darba u mill-gdid eziljat. Dawk l-isqfijiet li baqghu fidili lejh kitbu Ruma favuru u l-Papa sejjah sinodu biex isolvi l-problema. Sa dan it-tant Atanasju kien il-mistieden ta' l-eremiti tad-dezert u hemm zied fil-qdusija. Wara xi zmien hemmhekk, huwa telaq ghar-Ruma fejn gie ddikjarat li kellhu ragun, imma madanakollu ma setghax jirritorna fid-djocesi tieghu. Kien biss bis-sahha ta' l-imperatur Kostantius li mill-gdid seta' jidhol f'daru fost il-ferh ta' l-insara.

Ghal ftit tas-snin huwa seta' jghix fil-paci ghaliex il-qawwiet politici kienu mhabbtin fi gwerra. Jum wiehed waqt li kien qed jiccelebra vgili fil-knisja, xi suldati dahlu fuqu, qatlu xi nies u ferew ohrajn izda hu lahaq harab u sab kenn ghand l-eremiti ghal sitt snin. Dan l-ezilju kien ta' gid ghaliex bis-sahha t'hekk ghandna f'idejn kitbiet teologici. Wara l-mewt ta' Konstantius fis-sena 361 u il-qtil ta' Arju li kien hataf taht idejh id-djocesi ta' Alessandria u li sehhet ftit wara, lahaq l-imperatur Juljanu l-apostata li sejjah lura lil isqfijiet eziljati lura gewwa Alessandria. Imma meta ra li ma setghax dahhal il-paganezmu minhabba Atanasju, huwa rega' eziljah. Mill-gdid Atanasju sab ruhu fost l-eremiti tad-dezert, imma meta zewg eremiti tawh l-ahbar li Guljanu safa mejjet minn gerha fatali ta' vlegga fil-Persja huwa rega' irritorna malajr f'Alessandria.

Imma ma damx wisq ghaliex ghal darb'ohra sab ruhu eziljat mill-imperatur Valens f'Mejju tas-sena 365 imma malajr rega sab ruhu gewwa d-djocesi tieghu meta Valens beza' minn xi rewwixta ta' l-Egizzjani li kienu wisq devoti lejn l-iosqof persegwitat taghhom. Huwa mexxa l-merhla afdat f'idejh fi triq tajba fi zminijiet difficli li fihom wera li kien bniedem qalbieni ghall-fidi Kattolika. Miet fil-paci fit-2 ta' Mejju 373.